# Il-Ħeniwt taz-Zije Kizze

minn Joseph Baldacchino

Għal min ma jufx, il-ħeniwt taz-zije Kizze kien jinsub fit-triq ta' Marsaxlokk, fl-iżjed parti wiesgħa, qebel tiġi dik il-biċċe d-dejqe fejn joqgħodu tal-Mustija. Dun kien ħeniwt tal-merċe u li kien jitmexxe mill-femilje ta' Kizze. Din Kizze, prupjement kien jisimhe Frenġiske, kienet tiġi oħt in-nanna, li tiġi omm ummi, u peress li għal ummi kienet zijithe, eħne kunna ngħajdiwlhe zije wkoll. Għalkemm kienet miżżewġe, lir-raġel tagħhe qatt ma kont nufu, għax kont nisma' lin-nanna tgħajd li miet fi żmien il-gwerre. Miż-żwieġ kellhe żewġ ulied, Karmnu, li kien fih daqs ġolf, u li n-nies kienet issibu bhele Kamannu, dun kien l-ewwel weld, u oħra jisimhe Frenġiske, ezatt bħel ummha, li kienet il-bent iż-żgħajra, u vieru kienet żgħajra, għax kien jinqusha xi erba' pulzieri biex tilħeq il-ħames piedi.

Mele dun il-ħeniwt, għal duk iż-żmien, kien is-Supermarket tal-liwm, ftit passi 'l boghod, kien hemm ieħor, li kien ikbar mhux ħeżin, u li kienu jsibiwh bħele ta' Zulla tal-Gażżuwwa. Mill-ħeniwt ta' Kizze kien jinbiegħ kwużi kullox, jiġifieri l-bżunnijiet li jkullha l-femilje ta' dawk iż-żminijiet, qed nirrefieri għaż-żmien tas-sittinijiet. Mele dun l-imbierek ta' ħeniwt, kien jinsub fl-ewwel kamra tad-dur, li sintendi tidħol għaliha mill-bieb prinċipuli li kien baxx, għax kien fuq seba' filuti, dejjem bil-purtiere tax-xibke tperper, u isfel biċ-ċomb biex ma tgħollix bir-riħ. Din il-kamra ma kienetx ikbar min tnux-il pied kwudru. Il-kulur tal-ħejt ma kontx nuf x'kien għax kien mimli bl-ixkafef u armarjijiet sas-saqaf, kull ma kienu jidhru hiwme t-truvi u x-xurok li jsaqqfu l-kamra. Għalkemm il-ħeniwt l-ieħor li semmejt qebel, kien iżjed spazjuż u neħseb, li xi naqra nadif iżjed ukoll, tegħhe kien pupuluri għax kien ikullha l-ħobż ta' Tunajja, u li duk iż-żmien kien wieħed mill-aħjur frun li kien hemm f'dawk l-akkwuti.

Mite tidħol ġa fih, l-ewwel li kont issib, hiw tilor tawwuli tal-injum, li fih kien ikiwn hemm il-ħobż fresk, mgħotti bl-ixkejjer tad-dqiq minħebbe d-dbieben, u li xurta r-rieħe tiegħaw kienet taqsmek hekk kif tikxfu biex tieħu l-ħubża li trid, jew dik tar-ratal u nofs, jew inkellhe dik xi ftit iżgħar li kunna nsibiwhe bħele l-ħbejże, u jekk trid  taqsamlek waħde kbire wkoll. Tajjeb ngħajd, li ċertu ħobż bħel ma hiwme bziezen, panini u ċ-ċabatta kunna għodna lanqas noħulmu bihom. Faċċuta tal-bieb fuq il-lemin kien hemm il-bank fejn kienet tkiwn Kizze, dejjem b'xagħarhe mqenfed u bil-fardul, li kienet tużuh minflok serviette, biex timseħ idejhe minn duk kullhu li jkullha bżonn. Fuqu kont issib armurju bil-ħġieġ u l-biebe bix-xibke ghall-urja, u fih kont issib ġubon, murtedelle, pirżiwt, kunserve kif ukoll ġbejniet minn ta' Grezz, li kienet tieħu ħsieb in-niċċe ta' Santu Kristu, li kienu minn tal-ilme għas-suppa tal-armla, kif ukoll mill-iebsin, kemm bujod jew tal-bżur. Fil-ġenb l-ieħor kien hemm il-miżien li kien minn dawk li jiddendlu, b'xi tlitt piedi katina u bil-kfief ta' madwur pied u nofs,  stivuti ħdejh issib l-użin tal-bronż, li kien jibde min-nofs niskwart u jibqa' tiela' sal-wiżintejn. Biswite, imdendle ma' żewġt imsiemer imsammra mal-kument ta' xkaffa, kont issib karti strazzi u karti mill-kennelle li kunna nsibiwhom taz-zukkor.

Sewwe sew fuqha, minn mat-truvi, kont tilmeħ żewġ trufof pjuma minn tal-qasab, imdendlin rushom 'l isfel, biex fihom jistkenn id-dubbien, u bejniethom, imdendle ftit iżjed 'l isfel, buzza tal-40, li kienet tinxtgħal bess qebel jisbeħ u mite jidlam. Tajjeb ngħajd, li dejjem jassistiwhe ,  kien hemm iż-żewġ ulied, Kamannu għall-affarijiet li jkiwnu fil-għoli, kif ukoll dawk li jkiwnu ta' piż, u Frenġiske sservi mill-affarijiet li kienet tleħħeq, kif ukoll għasse għat-tful li kien jiġu biex jixtru l-ħilu, għax daqs tazz' ilme kienu juburmuwlhe xi ħuġa, spiċjalment mite kienu jinzirtaw xi tliete f'daqqa, fil-fatt il-vitrine tal-ħlewwiet kienet kemxejn fil-għoli fejn ma tintleħeqx feċilment mit-tful u kienet ukoll tissakkar biċ-ċevette. Il-cash register tegħhe kien karti taz-zukkor mimlije ħżiwż bil-ġebs, għax lupes ma kienetx tuf iżżummu, kif ukoll lanqas tuf tikteb in-numri, nistħejjel min

jgħajd, mele l-kont kif kienet tagħmlu? Din kienet teħdem hekk, is-suldi tgħajdilhom sulduti u dawn kienu furma tan-numru wieħed, u x-xilin ċirku, mele fuq il-karta tħeżżeż tlitt sulduti għal tlitt suldi, u ċirku u ħames sulduti għal xilin u ħames suldi, u dun fuq din l-imbierke karta. Mite tkiwn rut ix-xirje kullha, tibde tgħodd tnux-il suldut, teqtegħhom b'sinjul u tniżżel ċirku li jfisser xilin, wara tgħodd iċ-ċrieki, u mite tgħodd ghaxra teqtegħhom u tniżżel wieħed b'salib ġa fih li jfisser nofs lire, li għal duk iż-żmien kien diffiċli biex xi ħedd jinfoq iżjed min nofs lire f'xirje, mite tiftakar li kullox kien jinbiegħ bis-suldi jekk mhux ukoll bis-sitt ħebbiet.

Din Kizze, kienet qalba tessew tajba, u fuq kullox vieru fidile, għal mod kif kienet iġġib riwħhe waqt il-bejgħ. Eżempju ta' dun kien, li ħefne kienu jiġu għandhe għaż-żejt tal-ikel, għax kejl ma jeżistix, sempliċiment timlielek il-flixkiwn bil-lembiwt sa fuq, u daqshekk, u prezz wieħed, mhux ta' b'xejn li kont tura lil min jitbissem, mite jura l-flixkiwn li spess kien ikiwn tal-wiskì, imfawwar sa fuq għal prezz ta' xilin, u mite kienu jmurru għand ħeddieħor kien ikejjel bin-nofs jew bil-pinte, u għall-istess xilin kont issib li għandek terz tal-flixkiwn vojt. L-istess kien jiġri mite tbiegħ iż-żebbiwġ, timle minn ġal-landa bil-kuċċarun tat-toqob, tqattar is-salmura, u għal ġal-karta fil-miżien, jekk ikiwn kalut tura kemm hemm żejde, u wara tlissen, ''...u iwa, b'dawn it-tnejn żejde sa nsiru sinjuri, ħudhom ukoll, daqs kemm għandek ħluq min jiekol", u s-sabiħa hi, li dun il-kliem kienet tlissnu ta' spess matul il-ġurnuta, għalhekk immaġina il-qligħ li kienet tagħmel.

Kont issibilhe minn kullox, fl-art kellhe l-ixkejjer tal-fevette, fażula, piżelli mill-maqsuma kif ukoll sħiħa, ross, għaġin u ħefne iżjed. Il-buros tal-karti ma kieniwx jeżistu, għalhekk il-prodott jinġabar minn ġal-ixkura b'landa żgħajra, u għal fuq il-karta ġal-keffe tal-miżien, wara tgeżwer, u daqshekk. Il-karti li kienet tħeżżeż fuqhom ma kienux jintreimew, imme kienet tuzuhom jew għas-soder, kif ukoll għas-sapun taċ-ċevette. Te u kafè kienu jkiwnu ġal-kaxxa tat-triplaj, għalkemm iktar tard bdew ifiġġu l-pekketti tal-kafè li kunna nsibiwhom taċ-ċikwejre, fil-

pekkett, kif tiftħu, kont issib santa reliġjiwże, li ta' spess kont issib xi tful bihom, li jpartu kif ikullhom xi waħde duppja.

Ftit iktar il-ġewwe fix-xelliwg kellhe r-rukna tal-imliwħe, fejn kien hemm diversi kaxxi tal-injum, minn bl-eringi, saqajn tal-majjul immelħin, tonn, bakkaljaw, inċuva, ġardiniere u ħefne affarijiet li jgħollu l-prissjuni m'għola s-seme, u li duk iż-żmien ħedd ma kien jugħti kusha. Ħdejhom ukoll il-landa tax-xeħem, kif ukoll tal-butir, li kien jinbiegħ bl-użin. F'nofs il-ħeniwt, eżatt mal- bank prinċipuli kont issib il-kaxxi tal-liminuta li kienu jinbiegħaw bil-flixkiwn u li ħefne drubi kienu minn ta' Paċ, kif ukoll minn tal-Winner, it-tnejn prodott taż-Żejtiwn. Ma kieniwx jinqsu wkoll xi żewġ kaxxi inbid tal-Marsuvin, fusthom il-Marsula li kienet ħefne pupuluri, u biswite xi żewġ kaxxi nbid min tal-Bambinu, li duk iż-żmien kien mile il-ħwienet tar-reħel bil-prodott tiegħaw, għax kien sold u nofs irħas minn tal-Marsovin, mill-bqija, bit-tnejn kont tispiċċe sturdut wara li tniżżel flixkiwn sħiħ. Faċċuta tegħhe fuq ix-xelliwg kellhe l-vitrine tan-nise, li kienet tikkunsisti fi xkafef bil-minċutti u rkiekel tal-ħajt, ħuloq ta' diversi qisien, żippijiet, krukketti, ħuloq tal-purtieri u affarijiet oħra li jintużaw l-iżjed mill-mara tad-dur. Fl-ixkafef t'isfel kien hemm sapun tal-fwieħe tad-ditte Lux u Palmolive, ma jinqsiwx ukoll sapun mill-isfar għall-ħesil tar-rus, kif ukoll minn duk l-aħmar li kunna nsibiwh Tal-Purfun. Iżjed 'il ġewwe kien hemm il-pekketti tat-trub tal-ħesil, bħel m'hiw is-Surf, Tide, Spel u Fab, ma' dawn kont issib ukoll duk tal-użin li kien kemxejn irħas, ma tinqosx il-famuża Bluna li kienet tintuża għal mal-ħwejjeġ il-bujod.

Fuq li-xkafef li kien hemm fil-għoli, u li kien jieħu ħsiebhom Kamannu, kien hemm ftejjel tal-ispiritieri, labar tal-ispritieri tal-istim, tubi tal-lampi tal-pitlurju, kif ukoll xi lampa sħiħa. Ikumplu il-pekketti tal-isteel wool u tal-ħekkieke għat-tindif tal-burom u l-buttijiet tal-Vim li kien trub abjad famuż biex tneħħi l-ġmied minn mal-burom u l-kzuzel. Stivuti ġal-kaxxi kien hemm ukoll it-trabuxù biex tifteħ il-flixkiwn tal-inbid, opener għal-liminuta, kif ukoll biex tifteħ il-landi tal-

priserv u diversi tipi ta' xamgha kif ukoll tazzi, għax duk iż-żmien kienet xi ħuġa kumuni li ssibhom ġad-djur, kemm minħebbe il-qtiwħ ta' spess tad-dawl, kif ukoll biex jinxtagħlu quddiem xi xbiehe tal-Madunna, Santa Keterine u diversi qaddisin u Kristijiet oħra.

Fil-bank ta' ħdejhe li kien duk fejn hemm il-miżien, kien hemm il-kuxxun tal-fliws, u ħdejh eżatt il-pekketti tas-sigeretti tal-Flag, Three Cats, Guards u iktar tard Royals u ma jinqsux is-sigarri tal-wieħed minn tat-Tuneżin li kif taqbadhom kienu jnittnu kull m'hemm, u li fuq kullox kien idaħħan minnhom Kamannu ġal-istess ħeniwt, u addiju l-iġjene u l-intiene li kienu joħulqu, sakemm ma kienx jaqla' xi ħarsa biċ-ċiere mingħand ummu Kizze, biex joħroġ ipejjep barra.

M'għandix ħsieb li ntawwal, imme ma' dawn kellhe gażażi tat-tful kif ukoll dawk ta' mal-flixkiwn, labar tas-sarwun u affarijiet oħra għall-bżunnijiet tat-trubi. Il-purfun, aċtu u spirtu li jkiwnu ġa tank, kont issibhom fil-bitħe minħebbe r-rieħe tegħhom. Iktar tard iz-zije xtrut il-friġġ tad-ditte Electrolux li taħdem bil-pitlurju, u għodni niftakar sewwe, li mite ġabuhiele fil-ħeniwt, bgħatet għalije biex jgħajdu lili kif teħdem, biex wara nfieham lill-uliedhe kif jużawhe. Minn hemm 'il quddiem kont issibilhe il-pirżiwt u l-murtidelle kull ħin, għax kellhe fejn iżżummhom, peress li qebel, jekk ikiwn qed juqrob tmiem il-jiwm, kien ikullok tirrikurri għall-buttijiet tal-priserv, għax ma kienetx tifteħ landa oħra, l-iżjed is-Sebt filgħaxije għax sal-ġurnata tat-Tnejn kienet tibde trejjeħ. Bis-seħħe tal-friġġ bide il-bejgħ tas-selġ tal-liwmi, lareġ, frawli u anke tal-koka.

Ftit wara bide l-bereq u l-inkwiet, għax bdew jidhru tal-Kuntroll, dawn kienu grupp ta' impjiguti tal-Gvern, li kienu jagħmlu żjarut għall-għerriede fil-ħwienet, biex jiċċekkjaw il-prezzijiet, u ħelli lili nqatta' l-karti strazzi biċċiet żgħor u nweħħelhom bil-Gloy mal-buttijiet, fliexken u pekketti, u bil-pinne nikteb il-prezz, u ħelli liz-zije tiċċekkje kull bott li jinxtara, biex tura li ma jkuniwx ħadulha duk tal-prezz.

Iz-zije Kizze kienet qurbot it-tminin mite ħelliet il-ħeniwt f'idejn uliedhe, fejn ftit iktar tard ħelliet ukoll din id-dinje biex tmur tiltaqa' mal-Mulej, fejn ċert, li San Pietru ħelliehe dieħle drett il-ġenne għax ma kienetx tuf x'inhiw ħeżen, u żgur li xeħithe man-neħe tal-fidili, għax ma ħabtet lil ħedd, wesq iżjed lill-accountant u lid-Direttiwr tat-taxxi. Nies li żgur talbu għal riwħe bil-qalb, kienu dawk li kellhom id-dejn megħhe, għax karti ma kieniwx jeżistu, għax kienet iżżomm kullox f'moħħha u mite riwħhe turet lejn is-seme, turu megħhe wkoll, id-djiwn tal-klijenti.